Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8952 — STEAG/Siemens/JV STEAG GuD)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 315/13)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Siemens Project Ventures GmbH ("Siemens", il-Ġermanja), parti mis-Siemens Group (il-Ġermanja),

— STEAG Beteiligugnsgesellschaft mbH ("STEAG", il-Ġermanja),

— STEAG GuD Herne, l-impriża konġunta (joint venture, "JV", il-Ġermanja).

Siemens u STEAG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma, li permezz tiegħu Siemens takkwista 50 % tal-ishma u d-drittijiet tal-vot fil-JV mingħand is-sid uniku attwali tagħha, STEAG.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— STEAG hija fornitur internazzjonali tal-enerġija, li hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriċità u tat-tisħin distrettwali, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' impjanti tal-enerġija u servizzi tekniċi relatati,

— Siemens hija grupp dinja tat-teknoloġija ffokat fuq l-elettrifikazzjoni, l-awtomazzjoni u d-diġitalizzazzjoni b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni tal-enerġija, applikazzjonijiet mediċi, infrastrutturali u industrijali,

— Il-JV se tibni u tħaddem impjant tal-enerġija bil-gass u turbini tal-istim f'Herne (il-Ġermanja), u tikkummerċjalizza l-elettriċità u s-sħana ġġenerati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8952 — STEAG/Siemens/JV STEAG GuD

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").